# Il-Ġnien ta' Adonis u l-Kunċizzjoni

Kitba ta' Guido Lanfranco

It-titolu ta' din il-kitba għandu mnejn issibuh mhux tas-soltu, imma naraw ftit x'konnessjoni hemm bejn il-Kunċizzjoni u Adonis fl-isfond folkloristiku. Ħafna mill-attivitajiet, drawwiet u tradizzjonijiet popolari li n-nies ikunu ilhom jirrepetu għal żmien twil, jispiċċaw billi kulħadd jinsa għalfejn qed jagħmluhom. F'Malta hawn diversi drawwiet minn dawn, u jekk tistaqsi lil xi ħadd għaliex qed jagħmel dik il-ħaġa, ma jagħtikx raġuni jew spjegazzjoni, u jispiċċa biex jgħidlek biss li kulħadd hekk jagħmel. Dak huwa l-karattru tal-folklor; isiru l-affarijiet ukoll jekk ma jkunux jistgħu jispjegawhom loġikament.

Ħalli nieħdu eżempju wieħed. Hawn tradizzjoni ġenerali li għal mal-presepju nħejju l-ġulbiena u l-qamħ. Ma tistax tagħmel bukkett fjuri? Ma tistax tgħaddi mingħajru? Ħadd ma jgħidlek għaliex hemm din id-drawwa tal-qamħ u l-ġulbiena għall-presepju...u wkoll għal mas-Sepulkru tal-Ġimgħa Mqaddsa. Mhux biss, imma għall-Milied niżirgħuhom fil-Kunċizzjoni. Tal-Kunċizzjoni malajr nifhmuha, għax din hija festa importanti f'Diċembru, u tħalli żmien biżżejjed biex jikber il-qamħ jew ġulbiena. Imma taż-Żurrieq u taż-Żejtun jippreferu li jiżirgħuhom f'Santa Katarina, mhux biss għax hija l-qaddisa tagħhom, imma nzertat li l-festa tagħha taħbat fil-25 ta' Novembru, xahar preċiż qabel il-Milied.



*Is-sepulkru bil-ġulbiena fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa.*

Kemm Santa Katarina, kif ukoll il-Kunċizzjoni huma festi li jaħbtu fi żmien meta jista' jkun maltemp, għalhekk it-tnejn huma magħrufin bħala 'stilel tal-maltemp'. Dan li għedna s'issa jurina kif il-Kunċizzjoni daħlet biex ikollha x'taqsam mal-Milied, permezz tal-qamħ u l-ġulbiena. Imma m'għandhom

x'jaqsmu l-qamħ u ż-żerriegħa l-oħra mal-Milied? U fejn jidħol il-Ġnien ta' Adonis?

Il-qamħ u l-ġulbiena hawn huma 'Il-Ġnien ta' Adonis', sempliċiment għax fl-istudju tal-folklor, dan hu t-terminu użat (kull lingwa bl-istess tifsira), biex jirreferi għal kull tip ta' ħxejjex li jinżergħu f'ċerti żminijiet tas-sena bħala parti minn riti u ċerimonji li jkollhom x'jaqsmu mal-fertilità ta' l-uċuħ tar-raba. Sa minn żminijiet imbiegħda, tista' tgħid li fl-Ewropa kollha sa l-artijiet tal-Lvant kien hemm u għad baqa' riti biex jawguraw prodotti tajbin. Għal dawn jiżirgħu żerriegħa tal-qamħ, xgħir, ħass, bużbież u prodotti agrikoli oħra, jagħmlulhom li jistgħu biex jikbru malajr, u wara ftit żmien biż-żfin, talb u ċerimonji oħra, skond it-twemmin lokali ta' kull pajjiż, jixħtuhom fl-ilma tax-xmajjar jew fir-raba. Kien hemm u għad hemm ukoll drawwiet fejn jagħmlu riti jew ċerimonji li fihom juru xi ħaġa tixbaħ dak li jixtiequ li jsir. Għalhekk, jekk irridu li tinżel ix-xita, ibexbxu ftit ilma simboliku; jekk irridu x-xemx u l-bnazzi, jixegħlu n-nar; u jekk iridu li l-uċuħ tar-raba jagħtu l-frott, kienu jagħmlu l-hekk imsejjaħ ġnien ta' Adonis, fejn iż-żerriegħa tikber malajr bħalma jridu li jiġri fir-raba.

Minn dawn ir-riti, f'ħafna artijiet baqgħu l-qamħ, xgħir, u l-ġulbiena li nafu issa; mhux biss, imma aħna wkoll irridu nkabbruhom malajr, u nqegħduhom jissebblu fid-dlam... Mingħajr ma nafu qegħdin nagħmlu riti li għandhom x'jaqsmu ma' qawmien ġdid, fil-każ tagħna t-twelid ta' Kristu, u fil-Ġimgħa Mqaddsa, il-qawmien Tiegħu fil-Għid.

U għaliex l-istudjużi tal-folklor daħħlu isem Adonis f'dan il-każ? Adonis huwa figura mitoloġika li dwaru hemm diversi leġġendi u ħrejjef, fost oħrajn li twieled minn siġra u miet fl-aħjar tiegħu, għalhekk kienu jqabbluh mal-fertilità tar-raba, u mas-siġar li jikbru u jagħtu l-frott. Imma l-mitoloġija, jiġifieri ħrejjef, leġġendi, u taħlit ieħor orali mitluf, mibdul, imħallat u mifrux taħt forom differenti f'ċiviltajiet mill-aktar antiki, ħalliet warajha ħafna truf li baqgħu jidhru, imqar taħt forom oħra, ukoll fiż-żminijiet tagħna. Din tal-qamħ tal-Milied hija waħda minnhom. Imma rridu nsemmu ħaġa oħra! Il-mitoloġija stess, iddaħħlilna lil Astarte, li għall-Feniċi kienet alla ta' l-imħabba, għall-Eġizzjani alla tal-gwerra, u ċiviltajiet oħra alla tal-fertilità. U l-Griegi jafuha bħala Aphrodite ta' l-imħabba. Billi f'din it-taħwida kollha Astarte ħabbet lil Adonis, għandha xi ftit ukoll x'taqsam mal-Milied, għaliex is-simbolu tagħha huwa Venus, jew l-'Istilla ta' filgħaxija', u fiż-żmien tal-Milied aħna għandna wkoll l-istilla...dik li mxew warajha t-tliet slaten maġi sakemm wasslithom fil-grotta ta' Betlem.

U aħna niżirgħu l-qamħ u l-ġulbiena fil-Kunċizzjoni, bħal Ġnien ta' Adonis, biex jawgura twelid ġdid, u jlaqqgħu ma' Astarte bl-istilla tal-maġi fit-Tre Re!


DA HUA
大中华饭店
CHINESE BAR & RESTAURANT
Take-Away Available




Opening Hours: 11.30-14.30 & 18.00-24.00
84, Cottoner Avenue, Fgura PLA 17 – Tel: **667789** – Mob: **0943 6688**